MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 403/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Orazio Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Orazio Zahra talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Frar 2006, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsiru uzu minnha specifikat, u cioe` ha u zamm ghandu tliet mitt lira Maltin (Lm300.00) ghad-dannu tas-Socjeta` Maltija tas-Salib l-Ahmar, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni,

industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Orazio Zahra ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 293 tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmi Orazio Zahra hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u poggietu "taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation (*sic!*) ghal perijodu massimu (*sic!*) ta' tmintax-il xahar" ai termini ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba li jigi kkundannat ihallas l-ispejjez inkorsi mill-hatra ta' periti jew esperti stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonferma is-sejbien ta' htija tirrevoka l-ordni ta' probation u miflok tinfliggi piena aktar idoneja ghall-kaz skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali mill-ordni ta' *probation* (<u>mhux</u> "ordni ta' ufficjal tal-*probation*" bhalma qalet l-ewwel Qorti) maghmula mill-ewwel Qorti. L-Avukat Generali jsostni illi in vista tal-gravita` tal-kaz li jirrigwarda attivitajiet intizi biex inaqqsu s-sofferenza umana u ghajnuna lil nies vulnerabbli, ma kienx indikat ordni ta' *probation* u kienet aktar idoneja l-alternattiva ta' sentenza sospiza ta' prigunerija (<u>mhux</u> "habs" kif qal l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu). Wara kollox, jghid l-

Avukat Generali, l-appellat ghamel profitt ta’ Lm300 illegalment, b’abbuz tal-posizzjoni tieghu.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Il-piena dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi dik ta’ prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar. Jigifieri meta l-ewwel Qorti, minflok imponiet piena ta’ prigunerija, ghazlet li tapplika l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446, hija ma kinitx qed tapplika xi piena jew provvediment li ma setghetx tapplika skond il-ligi. Difatti huwa permissibbli ghall-Qorti li tapplika l-imsemmija mizura f’dawk il-kazijiet fejn ir-reat huwa punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux iktar minn seba’ snin (art. 7(2)(a) tal-Kap. 446). F’certi cirkostanzi msemmija fl-ewwel *proviso* ta’ l-artikolu 7(2) tal-Kap. 446, ordni ta’ *probation* hija wkoll possibbli fejn il-piena ta’ prigunerija ghar-reat li dwaru tkun instabet il-htija ma teccedix l-ghaxar snin. Inoltre, sabiex Qorti tista’ taghmel ordni ta’ *probation*, hija trid “tkun sodisfatta li s-sorveljanza tal-hati minn ufficjal tal-*probation* tkun mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-hati u/jew jigi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista’ jaghmel il-hati jew li jigi prevenut l-ghemil ta’ reati ohra” (art. 7(2)(b) tal-Kap. 446), u “fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, il-hrug ta’ dik l-ordni jkun adatt” (art. 7(2)(c) tal-Kap, 446). Fil-fatt, l-ewwel Qorti ddecidiet li taghmel ordni ta’ *probation* wara li ezaminat ic-cirkostanzi tal-kaz, wara li qieset li l-appellat jista’ jigi kkunsidrat bhala *“a first time offender”* galadarba kull ma

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

rrizultalha mill-fedina penali tieghu kontravvenzjoni wahda tat-traffiku fl-1985 (dahal fi Pjazza Kastilja, Valletta, b’vettura li ma kinitx licenzjata ghal dik il-lokalita`), u bil-ghanijiet specifici li l-appellat “izomm boghod mill-hajja kriminali” u “ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili”.

Jigifieri l-ewwel Qorti mmotivat sew id-decizjoni taghha li tapplika l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u ma applikatux kapriccozament. Imbaghad minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jidher li l-appellat zamm is-somma ta’ Lm300 ghal-*life saving course* li kien ta fir-Razzett tal-Hbiberija biex, fi kliemu, jaghmel *set-off* ghal somma akbar li dejjem insista li kienet dovuta lilu in rapprezentanza ta’ sborzamenti li kien ghamel u li kien intitolat jirkupra; jidher li l-appellat kien qata’ qalbu li qatt jigi rimborzat u hass li *he was being taken for a ride*. Naturalment <u>dan ma jiggustifika qatt l-agir tieghu</u> li jzomm l-imsemmija somma ta’ Lm300 minghajr ma jitlob l-awtorizzazzjoni tad-dirigenti tas-Socjeta` Maltija tas-Salib l-Ahmar. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement sabitu hati ta’ ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta. Fic-cirkostanzi, pero`, ma jirrizultawx lil din il-Qorti ragunijiet sufficjentement gravi li jgeghluha tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-mod ta’ kif kellha tittratta ma’ l-appellat.

Issa, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-ewwel Qorti qalet li kienet qed taghmel l-ordni ghal perijodu “massimu” ta’ tmintax-il xahar, il-perijodu massimu effettivament huwa ta’ tliet snin u mhux ta’ tmintax-il xahar. Meta mbaghad dik il-Qorti elenkat il-kondizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation*, it-tielet kondizzjoni li tirrigwarda l-lok ta’ residenza tieghu titkellem dwar “[i]l-perijodu kollu ta’ tlett [*recte:* tliet] snin”. Fl-ewwel kondizzjoni pero` hemm ripetut il-perijodu ta’ “tmintax-il xahar”. Ghalhekk din il-Qorti qed tifhem li l-intenzjoni preciza ta’ l-ewwel Qorti kienet li l-perijodu ta’ *probation* ikun ghal <u>tmintax-il xahar</u> u mhux ghal tliet snin.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan illi l-perijodu ta’ *probation* jibda jiddekorri

millum u l-perijodu ta’ xahrejn li fih l-appellat ghandu jhallas, jekk ma thallsux diga`, is-somma ta’ Lm300 lis-Socjeta` Maltija tas-Salib l-Ahmar jibda wkoll jiddekorri millum u b’dan ukoll li peress illi ma jirrizultax mill-atti li giet annessa mas-sentenza l-ordni ta’ *probation*, ghandha taghmel tajjeb l-ordni hawn annessa. Din il-Qorti fissret lill-appellat a tenur ta’ l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, bi kliem li huwa jifhem, l-effett ta’ l-ordni u tal-kondizzjonijiet hemm inkluzi, kif ukoll li jekk jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ l-ordni jew jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ *probation* huwa jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------